



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2020
(OR. en)

7115/20
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0046(NLE)

MAR 44

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 117 final - ANNEX 2
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 117 final - ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2020) 117 final - ANNEX 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2020
COM(2020) 117 final

ANNEX 2

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll
tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port**

ANNESS II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Qabel kull laqgħa annwali tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port (PSCC) tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni tqis l-informazzjoni kollha rilevanti trażmessa lill-Kummissjoni kif ukoll kull dokument li għandu jiġi diskuss li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni b'konformità mal-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet stipulati fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument preparatorju li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista għandu jintbagħat, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa tal-PSCC, mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-pożizzjoni prevista li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-dokument preparatorju għandha titqies li ntlaħaq qbil dwarha, sakemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka ma joġġezzjonax waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jkun wasal id-dokument preparatorju, skont liema data tinzerta l-ewwel. F'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.